MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 331/2009

**Joseph Micallef ID-389026M**

**vs**

**Dr Francis Xavier u Nanette konjugi Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ April 2009, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta’ €1,024.92 (elf, u erbgha u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti kwantu ghal €931.75 (disa’ mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u sebghin centezmu) bhala valur ta’ diversi pjanci u xbieki proprjeta tal-attur li gew abbusivament imnehhija mill-konvenuti u kwantu ghal €93.17 (tlieta u disghin ewro u sbatax il-centezmu) bhala spejjes ohra relatati ma’ l-istess kaz.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 16 ta’ Dicembru u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-

prezentata ta’ l-odjern avviz kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 9 ta’ Gunju 2009 fejn ikkontestaw it-talba attrici peress li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt l-ismiegh ta’ dan il-kaz u ghalhekk kellha tigi respinta. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ezamina l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra.

Illi f’dan il-kaz ma hemmx wisq divergenza bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza. Fil-fatt f’dan il-process xehdu biss iz-zewg partijiet li spjegaw minn naha rispettiva taghhom x’kien gara.

L-attur jispjega li huwa kien wahhal pjanci tal-hadid fuq u f’nofs il-hajt divizorju li jifred il-proprjeta tieghu ma dik tal-konvenut. F’xi zmien il-konvenuti qalghu dawn il-pjanci u minflokom tellghu zewg filati gebel ukoll f’nofs il-hajt divizorju. Jafferma wkoll li dawn il-pjanci proprjeta tieghu ghadhom fil-pussess tal-konvenuti. L-attur esebixxa prospett maghmul minnu stess fejn jelabora dwar il-valur rispettiv taghhom u kif ukoll dwar il-valur tax-xoghol li kien rikjest sabiex dawn jitwahhlu. Dok JM1. Pero fl-istess nifs fix-xhieda tieghu jafferma li kien qed jitlob ukoll li jithallas ta’ l-appogg taz-zewg filati zejda li tella fuq il-hajt divizorju. It-Tribunal hawn jirrimarka pero li l-kawzali fuq din il-kawza jirreferu ghal dak li gie spjegat fl-avviz u f’Dok JM1 kif dal resto rrizulta wkoll mit-trattazzjoni tal-abbli difensur tieghu.

Il-konvenut jikkonferma li l-pjanci u n-netting kienu ttellghu mill-attur u ghalkemm ghall-ewwel ma tax kaz pero meta ra li l-attur tella t-tieni filata ta’ pjanci, huwa lmenta mieghu u qallu biex inehhihom. In vista tar-rifjut da parti ta’ l-attur,

il-konvenut issokta billi applika u ottjena permess minghand il-MEPA sabiex ikun jista jestendi l-hajt divizorju kif fil-fatt ghamel. Naturalment biex tella l-hajt l-ewwel kellhom jinqalghu dawn il-pjanci tal-attur. Ghalkemm inghata l-permess biex itella sitt filati ohra, huwa tella biss zewg filati sabiex izomm l-gholi tal-hajt bejn wiehed u iehor sal-livell fejn kienu jinsabu l-pjanci u dana kif jidher fir-ritratt esebit u markat Dok FM 3. Spjega wkoll li l-pjanci u n-netting ta' l-attur ghadhom ghandhom u offra li meta jrid dan seta jehodhom. Fil-fatt ighid ukoll li dawn mhux biss qalaghhom bil-galbu sabiex jibqghu fl-istess stat li kienu izda wkoll qed izommhom fuq gewwa sabiex ma tigrilhomx hsara bl-elementi tan-natura. In kontro-ezami jispjega li l-hajt tal-appogg inkluz tal-gnien jinsabu debitament imhallsa minnu kif ghandu jirrizulta minn ittra legali tieghu stess datata 28 ta' Gunju 2008.

Illi ghalhekk minn dawn ir-rizultanzi t-Tribunal jinnota li l-konvenut ma ghamel xejn hazin anzi agixxa pjenament fl-ambitu tad-drittijiet civili tieghu minghajr ma lleda ebda drittijiet tal-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut kwindi jichad it-talba attrici b'dan pero illi fl-istess hin ghandu jkun gust u ekwu li t-Tribunal jordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata minn din is-sentenza jirritorna l-pjanci u n-netting proprjeta tal-attur u f'kaz ta' rifjut jiddeposita l-istess taht l-Awtorita tal-Qorti. Ghall-istess raguni it-Tribunal jordna wkoll li l-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------